MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1018/1989/1

**Mario Spiteri**

**-vs-**

**Charles Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fit-18 ta' Settembru, 1989 ghall-habta tad-9:50 a.m., l-attur kien qieghed isuq vettura mudell Peugeot 309 targata L1855 proprjeta` tieghu u kienet ghaddejja minn Cannon Road, Qormi u kien sejjer fid-direzzjoni ta' B'kara;

Premess illi hin bla waqt l-vettura ta’ l-attur giet investita minn karozza mudell Van Transit targata E4095 misjuqa mill-konvenut li harget bir-reverse minn triq sekondarja;

Premess illi l-kollizzjoni sehhet stante li l-konvenut naqas li jzomm *careful lookout* meta kien qed jaghmel il-manuvra li jirriversja u naqas ukoll li jaghti l-precedenza lit-traffiku li kien ghaddej mit-triq principali;

Premess ghalhekk illi l-kollizzjoni in parola grat minhabba traskuragni grassa, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut li huwa konsegwentement unikament responsabbli ghall-istess incident stradali;

Premess illi minhabba l-istess incident stradali l-attur garrab danni konsiderevoli;

Premess illi l-konvenut debitament interpellat biex jaddivieni ghall-likwidazzjoni u hlas konsegwenzjali tad-danni imgarrba mill-attur baqa’ inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq riferit;

2. Tillikwida d-danni mgarrba mill-istess attur fl-incident stradali konsistenti fi hsarat fil-karozza tieghu mudell Peugeot 309 targata L1855 u kwalsiasi hsarat ohra li jigu provati fil-kawza; okkorrendo bl-opra ta’ perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur d-danni kollha hekk likwidati;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-27 ta’ Settembru, 1989 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament u esklussivament minhabba traskuragni u negligenza da parti ta’ l-istess attur;

2. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontra tieghu bl-ispejjez;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Marzu 1990 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali l-avukat Dr. Joseph Refalo biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol. 50 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tat-3 ta’ Marzu 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza ghandha bhala meritu *inter alia* ir-responsabilita` ghall-incident stradali bejn zewg vetturi misjuqa mill-kontendenti, l-attur u l-konvenut rispettivament;

Mill-provi kaptati mix-xhieda ewlenija ta' l-attur irrizulta dan li gej:-

I. L-attur kien isuq il-vettura tieghu f'Canon Road li minn Hal Qormi taghti fid-direzzjoni ta' Bikirkara;

II. Fuq iz-zewg nahat tat-triq kien hemm vetturi pparkajti;

III. Meta gie biex jiskapula t-truck li kien sost fuq ix-xellug, htieglu jisswervja biex jevitah. Kien f'dan il-mument li intlaqat mill-karozza tal-konvenut li f'dak il-mument kienet qed tirriversja minn triq laterali;

IV. L-attur spjega li hu ma kienx jaqbel mal-mod kif kien imfassal l-iskizz billi skond hu l-vettura tal-konvenut kienet milwija fid-direzzjoni 'A' u aktar qrib il-'*crown of the road*';

Sfortunatament il-konvenut ma xehedx u dan allavolja kellu l-opportunita` jaghmel dan. Effettivament lanqas ma sar kontro-ezami ta' l-attur u x-xhieda tieghu baqghet inattakkata. Ghalhekk wiehed ikollu jistrieh ghall-ahhar fuq id-deposizzjoni unika ta' l-attur. Dan ma jffissirx pero` illi l-Qorti ma ghandiex ukoll tinvesti adegwatament il-provi u, fejn opportun, thares ukoll b'lenti kritika lejn il-prova ta' l-attur u, jekk mehtieg, tiskartaha ukoll, jekk jirrizultalha li din ma kinitx sodisfacenti;

Issa l-kostatazzjonijiet fattwali f'din l-istanza jikkonducu lill-Qorti b'konvinzjoni ghal konkluzjoni inevitabbli li l-*causa proxima* tal-kollizjoni kien il-mod inkonsult li bih il-konvenut kien qed jirriversja minn triq sekondarja ghal go triq principali. Konsiderazzjoni din li hi konvalidata mill-konkluzjoni raggunta wkoll mill-perit legali fir-rapport tieghu (fol. 50 *et sequitur*);

Il-principju regolatur f'kazijiet konsimili huwa ormaj ben saldat fil-gurisprudenza li ssostni li min ikun hiereg minn triq sekondarja ghal triq principali ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza. Jehtieglu jesplora sewwa t-triq principali, aktar u aktar fejn il-vizwali tieghu tkun ostakolata minn vetturi pparkajati, kif hekk kien il-kaz f'din il-kawza;

Il-kazistika inoltre tikkawtela li hu ghandu johrog *"inching out"* u jassigura li t-triq hi libera. *Multo magis* fejn, bhal f'dan il-kaz, huwa jkun qed jaghmel manuvra ta' sewqan

bir-*reverse*. F'dan il-kaz certament jinkombi fuqu li juza grad aktar gholi ta' diligenza u vigilanza l-izjed qawwija;

Anke jekk naqas li jixhed jew iressaq il-provi tieghu l-elementi fattwali li johrogu mill-iskizz (fol. 60), anke *gratia argomenti* minghajr ebda rettifika, kif ippretenda l-attur, u mir-Road Accident Report (fol. 61), ghandhom *ictu oculi* jikkonducu ghall-unika konkluzjoni possibbli. Jigifieri li l-konvenut naqas mid-dmir li jzomm dik li tissejjah '*a reasonable careful look-out*'', liema dmir igib mieghu li driver jara dak li hu ragjonevolment vizibbli;

Li jfisser li l-konvenut kien obbligat li jivverifika illi c-cirkostanzi fit-triq kienu tali li huwa seta' jaghmel il-manuvra tieghu ghaliex seta' jibdiha, itemmha u jikkompletaha minghajr riskju ghalih u ghal vetturi ohra;

Jirrizulta illi l-ammont tad-danni subiti mill-attur b'rizultat ta' l-incident jittotalizza Lm394.45. Dan kif sostenut mid-dokumenti esebiti a fol 64, 65 u 66 tal-process. Minn imkien mill-provi skarsi migjuba ma jirrizulta li dan l-ammont jinsab kontestat;

Ghal darba ohra ma jistax ma jigix senjalat illi hu tal-misthija li kawza hekk semplici u fejn l-unika xhieda kienet dik ta' l-attur kellha timpjega ben tlettax-il sena biex tigi finalment rizoluta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' d-domandi ta' l-attur billi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal habta li grat fit-18 ta' Settembru 1989 f'Canon Road, Hal Qormi. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tliet mija u erbgha u disghin lira Maltija, hamsa u erbghin centezmu (Lm394.45,0) u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur in linea ta' danni;

L-ispejjez kollha tal-kawza huma a kariku tal-konvenut.

(ft) Philip Sciberras

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur